MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 41/2009/1

**Edmond Espedito Mugliett u Maria Tereża Mugliett**

**v.**

**Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2009, John Patrick u Mary Carmen miżżewġin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Elaine ġew ammessi jintervjenu fil-kawża in *statu et terminis***

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti appellanti minn sentenza mogħtija fit-3 ta’ Novembru, 2010 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u li fl-ewwel lok ddikjarat lill-intimat Ministru tal-Ġustizzja mhux leġittimu kontradittur f’dawn il-proċeduri u għalhekk lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u fit-tieni lok ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom peress li ma rriżutax li ġew leżi fil-konfront tagħhom d-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti appellanti.

Bir-rikors tieghu tas-6 ta’ Lulju 2009 ir-rikorrenti appellanti talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti “tagħti dawk l-ordnijiet u dawk id-drittijiet fundamentali tagħhom” protetti mill-artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll mill-artikoli 1, 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fosthom:

1. Billi tiddikjara illi l-ordni maħruġa bil-mandat in proċintu 284/2009 maħruġ mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta’ April 2009 lir-Reġistratur tal-Qrati li jbiegħ l-proprjeta’ tagħhom bis-subasta tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali sanċiti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet;

2. Billi tiddikjara illi s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta’ Ġunju 2006 fl-ismijiet “John Patrick Hayman et v Edmond Espedito Mugliett et” u s-sentenza konfermatorja tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta’ Ġunju 2008 jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali sanċiti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet;

3. Billi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jieqaf minn kull esekuzzjoni tal-ordinijet mogħtija lilu taħt il-mandat *in procinctu* 284/2009 u jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b’kwalunkwe tħassir jew kontro-mandat tal-ordni tas-subasta;

4. Billi tordna lill-intimati jħallsu lill-esponenti bħala kumpens għall-ksur l-ispejjeż ġudizzjarji intaxxati kollha

inkorsi minnhom fil-proċeduri msemmija fit-talba numru tnejn (2) u dawk relattivi għar-rikors tagħhom fl-atti tal-istess mandat in proċintu 284/2009 u kwalunkwe kumpens ieħor ulterjuri li jidher xieraq;

5. Billi tagħti kwlunkwe rimedju ieħor skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni';

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

Il-premessi ta' fatt fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti appellanti ibbażaw t-talbiet tagħhom huma s-segwenti:

"Illi b'sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet "John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et." (Citaz.1059/2003 GCD) datata 2 ta' Gunju, 2006, l-esponenti gew ikkundannati jiddepositaw gewwa kont bankarju ssomma ta' Lm40,500 fi flus kontanti, flimkien ma' imghax fuq l-istess somma kapitali kalkolati mid-data 21 ta' April, 2001 sad-depositu effettiv, liema somma kapitali kienet gie zbankat mill-esponenti Edmond Mugliett mill-istess kont bankarju fil-Bank of Valletta li kien "joint account" f'isem ir-rikorrenti Edmond Espedito Mugliette u n-Nutar John Hayman li miet fl-20 ta' April, 2004.

"Illi l-esponenti kienu opponew it-talbiet kif dedotti mill-atturi f'dik il-kawza billi dawk it-talbiet kienu nieqsin mill-interess guridiku u kienu nulli u irriti peress illi huwa inkoncepibbli illi wiehed jigi ordnat illi jhallas ammont ta' flus u/jew li jaghmel tajjeb ghad-danni likwidati qabel jew minghajr ma jigi determinat illi l-persuni konvenuti huma debituri talatturi fl-istanza fejn dina d-determinazzjoni ssir. Illi lesponenti kienu talbu "per via ta' eccezzjoni" illi issiru lprovi illi l-mejjet Nutar John Hayuman kien biss "prestanome" fuq il-kont u li kien jaf illi l-flus u l-kont ma kienux jappartjenu lilu izda lill-esponenti. Dina t-talba giet michuda.

"Illi l-esponenti appellaw dina is-sentenza datata 2 ta' Gunju, 2006 fuq l-istess aggravjiu fuq l-bazi illi kienet inkonceppibbli illi sentenza bhala dina tkun esegwibbli

qabel l konvenuti jigu kanonizzati debituri u/jew responsabbli ghad-danni. Illi b’sentenza tal Qorti tal-Appell moghtija fis-27 ta’ Gunju, 2008, l-appell taghhom gie michud billi l imsemmija sentenza giet ikkonfermata “in toto” salv illi l-ammont tas-somma kapitali li kellha tigi depositata tkun ekwivalenti f’moneta euro, u l-istess appell tal-esponenti gie meqjus bhala frivolu u vessatorju u gew akkordati kontra taghhom d-doppju spejjes.

“Illi l-imsemmija sentenza ma gietx esegwita mill-atturi permezz ta' mandati esekuttivi, in vista tal-fatt illi ssentenzi taz-zewg istanzi qatt ma iddecidew, anzi espressament irriservaw l-ipotesi illi l-esponenti huma unikament jew in parte l-propjetarji tal-istess kont bankarju, u tal-flus li kienu gew irtirati. Illi l-esponenti hallsu l-ispejjes tal-kawzi kif kienu ordnat.

“Illi fl-1 ta' Jannar, 2009, dahal in vigore l-artikolu 388A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe', l-mandat in “procinctu” u fis-16 ta' Frar, 2009, u l-atturi f’dik il-kawza ippresentaw rikors ghall-hrug ta' mandat “in procinctu” (379/2009) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li fih talbu illi tinbiegh f’subbasta d-dar tal-esponenti, "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara, taht id-dirigenza tar-Regisratur tal-Qorti sabiex ir-Regisratur mir-rikavat tas-subasta jiddeposita s-somma ta' Lm40,500 u l imghaxijiet, u dan skond u in esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2006, u jekk hemm bilanc mir-rikavat tas-subasta, ir-Regisratur jaghtih lill-esponenti.

“Illi b’ digriet kamerali tal-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, datat 3 ta’ April, 2009, nonostante l-opposizzjoni millesponenti, laqghet it-talba tal-atturi u harget l-ordni f’idejn ir-Regisratur taghha biex jesegwixxi s-subasta tad-dar tal-esponenti.

“Illi l-esponenti, b'rikors individwali presentati minnhom, skond l-artikolu 281(1) tal-Kap.12, talbu l-Prim’Awla tal-Qorti Civili tirrevoka dina l-ordni, u wara smiegh u trattazzjoni seduta stante, dik l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba b’sentenza moghtija minnha fl-14 ta' Mejju, 2009.

“Illi l-esponenti appellaw mis-sentenza ta’ astenjsoni ghall-quddiem il-Qorti tal-Appell u talbu t-thassir tas-sentenza tal-astenjsoni.

“Illi l-esponenti quddiem il-Qorti tal-Appell talbu r-rikuza tattlett Sinjuri Mhallfin Vincent DeGaetano, Albert Magri u Tonio Mallia, li kienu l-istess mhallfin li kienu taw ssentenza ta’ dik il-qorti fis-27 ta' Gunju, 2008, izda dina leccezzjoni giet michuda.

“Illi fis-26 ta' Gunju, 2009, l-istess Qorti tal-Appell, preseduta mill-istess mhallfin, hassret s-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti astjeniet, u flok ma jirrimandat ir-rikors lura lill-prim istanza, dahlet fil-meritu tar-rikors ghar-revoka, cahdet it-talba tal-esponenti u riaffermat lordni tal-mandat in procinctu, u cioe, il-bejgh in subbasta tal-fond tal-esponenti. Illi minhabba t-termini fatali ta' 30 gurnata li fihom I-ewwel qorti trid tiddeciedi dawn ir-rikorsi skond l-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, lesponenti gew deprivati mid-dritt tad-doppja ezami moghtija lilhom mill-ligi.

“Illi fis-16 ta' April, 2009, l-esponenti kienu kostretti li huma stess jifthu kawza petitorja kontra l-atturi sabiex jigi dikjarat u determinat illi l-flus u kont bankarju in kwistjoni, ta’ min huma. Illi dan sar sabiex jinstigaw "a fair hearing" u jipproteggu t-tgawdija pacifika tal-patrimonju taghhom filkonfront tal-minaccia tal-proceduri in procinctu, izda dan il-fatt ukoll gie meqjus bhala non sequitur mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju, 2009.

“Illi l-esponenti issa gew kostretti illi jippresentaw dan irrikors kostituzzjonali sabiex jissalvagwardjaw irwiehom u lill-propjeta' personali taghhom mill-vjolazzjoni tad-drittijiet umani fondamentali taghhom kif se jinghad:-

**“Ksur tal-artikolu 1 u 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni Europea.**

“Illi l-effett kumplessiv tas-sentenzi u digrieti fuq imsemmija huwa illi l-esponenti gew deprivati u se jigu

spussessati mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta' privata taghhom gudizzjarament, filwaqt illi

- ma hemm ebda akkuza jew htija kriminali kontra taghhom f’dak li jirrigwarda lavvenimenti tal-21 ta' April, 2001, meta l-esponent Mugliett zbanka l ammont ta' Lm40,500 mill-kont bankarju tieghu li kien fl-isimijiet "Edmond Espedito Mugliett and Dr. John Hayman" bl-indirizz fuq il-kont ta’ "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara

- ma hemm ebda decizjoni ta’ qorti civili jew tribunal li kkanonizzat lillesponenti bhala debituri lejn l-eredi tan-Nutar Hayman, f’xi somma ta' flus, u “multo magis” bhala li "ex delictu" huma responsabbli ghad-danni pagabbli lill-eredi tan-Nutar Hayman

- ma hemm ebda procedura ohra attwali fejn min ottjena l-hrug ta' mandat in procinctu (u l-ordni tassubasta) gie kanonizzat kreditur ta' xi somma ta’ flus u danni kontra l-esponenti - l-esponenti gew prekluzi fl-iter kollu ta'dawn il-kawzi u proceduri illi jitolbu per via ta’ eccezzjoni illi tigi ittrattata l-kwistjoni ta’ propjeta’ ta’ dawn il-flus - s'issa, il-proceduri kienu kollha ta’ natura kawtelatorja u "prima facie", waqt illi l-mandat in procinctu huwa mandat unikament intiz bhala mandat esekuttiv.”

Illi wara li ghamlu il-premessi fuq riprodotti ir-rikorrenti ghaddew biex jiċċitaw testwalment l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-artikoli 6(1) u 8(1) tal-istess Konvenzjoni u wara li fissru li l-fond in kwistjoni huwa d-dar matrimonjali residenzjali tagħhom u ta’ uliedhom li fuqha għad hemm *home loan* li ghadha qed titħallas ghaddew biex ifissru r-ragunijet għaliex fil-fehma tagħhom il-fatti minnhom premessi kienu jammontaw għal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali sanċit bl-artikolu 6(1) msemmi. Fil-kors ta’ dawn is-sottomissjonijiet saret mir-rikorrenti riferenza għas-sentenzi ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet “John Busuttil noe v Prim Ministru et” tal-20 ta’ Lulju 1994

u “Vincent Borg et v Prim Ministru et.” tal-15 ta’ Ottubru 2008.

Ir-rikorrenti sostnew ukoll li ghall-istess ragunijiet kien hemm vjolazzjoni tal-artikoli 37(1), 38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni, simili ghall-artikolu 6(1), Artikolu 8(1) u Artikolu 1 (tal-Ewwel Protokoll) tal-Konvenzjoni u finalment ghamlu t-talbiet li gia gew riprodotti aktar ‘l fuq.
B’rikors tat-13 ta’ Lulju 2009 John Patrick u Mary Carmen konjugi Hayman u Christopher Hayman u Raymond Pickard f’ismu proprju u bħala leġittimu rappreżentnat ta’ bintu minuri Elaine, li kienu l-atturi fil-kawza Citaz. Nru 1059/2003 u li fiha inghatat is-sentenza tat-2 ta’ Gunju 2006 mill-Qorti ta’ prim istanza u dik tal-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Gunju 2008, it-tnejn impunjati mir-rikorrenti Mugliett, talbu li jiġu awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis* u biex jippreżentaw risposta liema talba giet milqugħa mill-ewwel Qorti.

Illi fir-risposta tiegħu tal-15 ta’ Lulju 2009 l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Gustizzja ssottomettew li l-Ministru tal-Gustizzja ma huwiex legittimu kontradittur u kellu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u li l-ġudizzju ma kienx integru u li l-azzjoni kienet irrita u nulla peress li t-talbiet tar-rikorrenti Mugliett ma setgħux jiġu impostati kontra tagħhom peress li l-vertenza kienet tirrigwarda vertenza bejn partijiet privati li kienet ġia deciza mill-Qorti kompetenti b’sentenza li kienet *res judicata*. Inoltre l-istess intimati insistew li l-azzjoni odjerna hi waħda frivola u vessatorja fil-konfront tagħhom peress li l-istess azzjoni kienet sempliċement tirriproponi kwistjoni ta’ liġi ordinarja ġia deċiża mill-Qrati kompetenti meta ma hix il-funzjoni tal-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali li jiddeċiedu jekk il-liġi ordinarja ġietx applikata korrettement jew le li, skont l-intimati, huwa l-uniku skop tar-rikors promotur.
Fil-mertu, l-intimati Avukat Ġenerali u Ministru tal-Ġustizzja għar-raġunijet dettaljati fir-risposta tagħhom sostnew li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Konvenjoni jew tal-Kostituzzjoni u talbu lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li rritenew li ma kien jirriżulta ebda ksur tal-artikoli 37(1),

38(1) u 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 1 (tal-Ewwel Protokoll), 6(1) u 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza tagħha appellata l-ewwel Qorti, wara li irriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta fuq imsemmija, ghamlet riassunt tal-fatti tal-kawza, tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u tal-eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet tal-intimati Ministru tal-Ġustizzja u Avukat Ġenerali u tal-intervenuti fil-kawża, għaddiet biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha li wassluha għad-deċizjoni tagħha fuq riportata, liema kunsiderazzjonijet ser jiġu hawn riprodotti għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell:
"Jirrizulta minn nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti li l-kawza intentata mir-rikorrenti sabiex tigi stabbilita l-proprjeta' tal-flus fil-kont banjkarju in kwestjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti kompetenti u tinsab fl-istadju tal-gbir tal-provi. Fl-istess nota r-rikorrenti specifikaw li l-lanjanzi Kostituzzjonali taghhom huma naxxenti mill-fatt illi qabel ma gie determinat minn hu s-sid tal-kont bankarju in kwestjoni l-eredi tan-Nutar Hayman ottjenew il-hrug ta' mandat in procinctu kontra taghhom, f'liema mandat gie ordnat il-bejgh bis-subasta tar-residenza taghhom fejn jghixu flimkien ma uliedhom. Dan il-mandat inhareg in esekuzzjoni ta' sentenza fis-sens li r-rikorrenti kellhom jirripristinaw il-kont bankarju in kwestjoni billi jiddepositaw fih l-ekwivalenti tas-somma li ngibdet minnhom ftit wara li miet il-ko-intestarju tal-istess kont. In effett jirrizulta li sal-gurnata tallum ir-rikorrenti naqsu li jottemperaw ruhhom mal-imsemmija ordni tal-Qorti kompetenti.

"Ghandu jigi puntwalizzat li l-intervenuti fil-kawza kellhom kull dritt skond il-ligi li jagixxu bil-mod li pprocedew. Gie regolarment u legalment deciz li l-kont banjkarju kellu jigi ripristinat kif ordnat u l-intervenuti fil-kawza kellhom kull dritt moghti mill-ligi li jitolbu u jottjenu l-hrug tal-mandat in procinctu. Il-Qorti kompetenti irriteniet li l-eredi tan-Nutar Hayman kellhom id-dritt li l-kont bankarju in kwestjoni jerga juri l-ammont li kien fih fil-hin tal-mewt tan-Nutar Hayman. Sabiex jipprotegu dan id-dritt l-eredi tan-Nutar Hayman talbu u ottjenew regolarment il-hgrug tal-mandat in kwestjoni u m'hemmx dubju li l-hrug tal-mandat sar

skond il-ligi u fuq talba fondata legalment tal-intervenuti fil-kawza. Hu immaterjali u legalment ghal kollox irrilevanti li bhala konsegwenza ser tinbiegh id-dar residenzjali tal-familja Mugliett.

"L-artikolu 388G tal-Kap.12, liema artikolu dahal fis-sehh ftit taz-zmien ilu, jipprovdi li tista tinghata kull ordni necessarja sabiex jigi assigurat li jigu esegwiti l-ordnijiet li jkunu nghataw f'sentenza pero' tali ordni tista tinghata biss wara li l-Qorti tkun sodisfatta li ma hemm ebda mezz iehor ta' esekuzzjoni. Jirrizulta li effettivament il-hrug tal-mandat in kwestjoni gie ordnat skond il-ligi u regolarment. Infatti in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in esami jista jkun li kien ikun aktar legittimu li jigu attakati bhala inkostituzzjonali l-imsemmija provedimenti tal-ligi dwar ilmandat in procinctu, mentri r-rikorrenti ghazlu li jattakaw il-konsegwenzi tal-hrug tal-mandat. Effettivament pero' ghandu jinghad li l-presenti kawza tista tissokta fuq il-parametri stabbiliti mir-rikorrenti fir-rikors promoter u inoltre jidher ukoll li l-vertenza sollevata mir-rikorrenti timmerita li tigi approfondita mill-Qorti.

"Hu minnu li, kif qed jissottomettu r-rikorrenti, s'issa ghad ma hemm l-ebda decizjoni tal-Qrati dwar lil min jappartjenu l-fondi fil-kont in kwistjoni. Hu minnu ukoll li n-natura tal-mandat in procinctu hi essenzjalment esekuttiva. Hu minnu ukoll, pero', li bil-mandat in kwestjoni qed jigi assigurat li tigi esgwita sentenza legittima tal-Qorti u dan billi tinghata kull ordni necessarja sabiex dak li gie ordnat isehh. Jidher li dan hu l-uniku mod kif ir-rikorrenti jistghu jigu mgieghla joqodu ghall-ordijiet tal-Qorti billi s'issa huma jirrifjutaw li jiddepositaw l-ammont in kwestjoni fil-kont bankarju in kwestjoni. Hija din l-ordni li trid tigi esegwita u ghalhekk kwistjonijiet ohra, bhal proprjeta tal-kont bankarju huma f'dan l-istadju irrilevanti. Hemm decizjonijiet legittimi, anke fl-istadu tal-appell, li jirribadixxu dan il-kuncett.

"Bla dubbju l-Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat in procinctu u li ordnat il-bejgh bis-subasta tal-proprjeta in kwestjoni, irriteniet li essenzjalment dan kien l-uniku mod kif semmai ir-rikorrenti kienu ser jottemperaw mal-ordni tal-Qorti. Il-

bejgh bis-subasta ma jistax jitqies li hu bejgh furzat ta' proprjeta. Il-bejgh bis-subasta hu legittimu u sancit kemm mill-Kostitruzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni. Ma hemm l-ebda punti in komuni bejn bejgh furzat u bejgh bis-subasta. Hu ukoll evidenti li hawnhekk non si tratta ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu izda si tratta li ordni legittima tigi esegwita.

"Hu minnu ukoll li l-bejgh bis-sub-asta gie ordnat minghajr prejudizzju ghall-kwistjoni ta' min huma l-flus fil-kont bankarju in kwestjoni u l-kwistjoni dwar ta' min huma dawn il-flus ghadha ma gietx determinata. Hu minnu ukoll li jista jkun li eventwalment l-eredi tan-Nutar Hayman ma jkollhom ebda dritt fuq dan il-kont. Hawnhekk si tratta li tigi rispettata l-ordni kontenuta f'sentenza legittima tal-Qorti. Inoltre dwar ir-rikuza tal-Imhallfin tal-Qorti tal-Appell ddecizjoni relattiva kienet korretta u b'din id-decizjoni ma gew vjolati ebda drittijiet tar-rikorrenti stante li id-decizjoni ma kinitx tolqot is-suntanza tal-kwestjoni.

"Fl-opinjoni tal-Qorti ma hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq in kwantu gie ordnat il-bejgh b'subasta tal-proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ma ghadu gie determinat min ghandu l-jedd fuq il-flus in kwistjoni. Hawnhekk ir-rikorrenti qed jigu sfurzati li jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti u mhux li jhallsu xi dejn li ghadu mhux determinat. Id-determinazzjoni tat-talba ghar-revoka tal-mandat in procinctu ma ghandha x'taqsam xejn mal-appell tar-rikorrenti mis-sentenza li biha ir-rikorrenti gew ordnat jiddepositaw lura l-flejjes minnhom sbankati.

"Ir-rikorrenti jilmentaw li gew lezi fil-konfront taghhom id-drittijiet sanciti fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u cioe' d-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta kontra tehid sfurzat. F'dan irrigward ir-rikorrenti qedghin jilmentaw li bil-hrug tal-mandat in procinctu in kwestjoni l-ordni relattiva ghal bejgh b'subasta tad-dar taghhom twassal ghal tehid sfurzat tal proprjeta' taghhom u konsegwentement ta' telf irreversibbli tal-patrimonju taghhom. Ghalhekk l-ordni ghal bejgh b'subasta tad-dar tar-rikorrenti ser twassal ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni min privazzjoni ta'

proprjeta. Ir-rikorrenti jargumentaqw ukoll li l-hrug tal-mandat in procinctu ser iwassal ghat-telf irrimedjabbli tad-dar tal-familja Mugliette. Tali interferenza hi ukoll sproporzjonata u mhux mehtiega ghaliex tali tehid, wiehed irrimedjabbli, qieghed jigi ordnat b'effett ta' issa, izda flinteress postpost ghal wara li jigi determinat min ghandu dritt ghal ammont ta' flus. Dan wassal ukoll ghall-interferenza fil-hajja tal-familja u f'dak li jirrigwarda rresidenza taghhom. F'dan ir-tigward jerga jigi ribadit li hawnhekk si tratta li tigi enforzata decizjoni ta' Qorti kompetenti ma hemm ebda interferenza fil-hajja tal-familja u tehid tad-dar residenzjali tar-rikorrenti. Dan kollu hu in effett naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti ostinaw ruhhom u ghandhom qed jostinaw li ma joqodux ghall-imsemmija ordni tal-Qorti. Appuntu meta jigri dan il-ligi tghati l-opportunita li l-odni tal-Qorti tigi esegwita bil-hrug tal-mandat in procinctu. Ghandhom ragun l-intimati u l-intervenuti fil-kawza meta jissottomettu li l-bejgh bis-subasta jista facilment jigi evitat mill-istess rikorrenti billi isir id-depositu ordnat bl-imsemmija sentenza. Ghalhekk hu zgur li ma jistax jinghad li s-subasta ser issir fuq semplici suspett ta' kreditu.

“Hu veru li c-cittadin ghandu d-dritt li jigu determinati drittijiet u responsabilitajiet civili tieghu u d-dritt li tali determinazzjoni ssir minn tribunal imparzjali, pero ghandu ukoll l-obbligu li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija minn Qorti kompetenti.

“Fid-determinazzjoni tal-vertenza bejn ir-rikorrenti u lintervenuti ma jirrizultax li kien hemm imposta xi limitazzjoni ghad-dritt tal-partijiet li jittrattaw u jgibu l-provi taghhom. Jirrizulta ukoll li kien hemm il-bilanc xieraq jew proporzjonalita' xierqa bejn il-mezzi uzati rispettivament minn kull parti. Hawnhekk il-kwestjoni principali mhux lil min jappartjenu l-flus f'kont bankarju kongunt izda lkwestjoni hi li l-ordnijiet legittimi tal-Qorti ghandhom jigu esegwiti u xejn aktar. Ma hemm ebda sproporzjonalita bejn l-iskop tal-mandat in procinctu u l-effetti li dan jista jkollu. Il-kont in kwestjoni hu f'isem ir-rikorrenti pero' hu ukoll f'isem haddiehor u gew sbankati flus minn dan il-kont minnhajr il-kunsens tat-titolari kollha tal-istess kont. Mhux

talli hekk izda ukoll jirrizulta li r-rikorrenti agixxa b'tali mod li l-Bank ma kienx konsapevoli bil-mewt ta' wiehed mittitolari tal-kont in kwestjoni. Inoltre hu ekwu u gust li qabel ma jigi deciz ta' min huma l-flus fl-istess kont bankarju s-sitwazzjoni terga tingieb lura kif kienet qabel il-mewt tal-imsemmi Nutar Hayman. L-azzjoni tal-bejgh tal-proprjeta tar-rikorrenti hi rrimedabbli pero' l-bejgh jista jigi evitat biili r-rikorrenti jaghmlu d-depositu skond l-ordni tal-Qorti.

“Ma tirrizulta ebda imparzjalita' oggettiva fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell u ghar-rigward tad-determinazzjoni tat-talba tar-rikorrenti ghar-rikuza tal-Imhallfin sedenti. In effett ma kien hemm ebda relazzjoni bejn dak li kien gia gie deciz u dak li kien ser jigi deciz fl-appell in kwestjoni. “Jigi notat li l-varji vertenzi bejn il-partijiet in kwestjoni gew determinati darbtejn mill-qorti ta' prima istanza u darbtejn fi stadju ta' appell. Jigi ukoll rilevat li l-bejgh bis-subasta gie ordnat in konnessjoni mat-twettiq tal-ordni tal-Qorti u l-kwestjoni tal-proprjeta' tal-fond li ser jinbiegh hi irrilevanti sakhemm jirrizulta li din ilproprjeta tal-fond hi in effett ta' minn kellu joqod ghall-odni in kwestjoni. Hu ukoll irrilevanti l-uzu li jsir mir-residenza immobbli tar- rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti jistghu jitilfu irrimedjabilment il-proprjeta' hu ukoll fattur irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. Inoltre l-esekuzzjoni minghajr determinazzjoni ta' drittijiet ohra li mhux rilevanti ghal finijiet tal-kwestjoni vera in ballo hi permissibli mil-ligi. Inoltre jinghad li l-ordni ta' bejgh in kwestjoni bl-ebda mod ma tista tinghad li tammonta ghal interferenza mhux gustifikata fil-hajja familjari tar-rikorrenti kif ukoll fid-dritt taghhom ghal-privatezza fid-dar taghhom peress li jekk tesisti interferenza din hi bazata fil-ligi u ghandha ghan legittimu. Irid dejjem jigi mfakkar li hawn fi kwalumkwe kaz si tratta ta' enforzar ta' ordni tal-Qorti. In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li r-rikorrenti bil-presenti proceduri qed jippruvaw li l-vertenza civili in kwestjoni tigi riveduta u terga tigi deciza mill-gdid. Hu indubbju li dan mhux il-kompitu ta' din il-Qorti.

“Jidher li hu minnu dak li ssottomettew l-intervenuti fil-kawza li r-rikorrenti qatt ma issollevaw qabel l-ilmenti

taghhom kif qed jissollevawhom fil-presenti proceduri. Dan hu indikattiv ghar-rigward tal-vera raguni ghaliex irrikorrenti pprocedew bil-presenti azzjoni. Ir-rikorrenti, ghaliex hekk jaqbillhom, jargumentaw fuq id-dar li ser tinbiegh pero' jidher li huma qed jinsew li gew ordnati jaghmlu depositu, ordni li sa issa rrifutaw li jesegwixxu, u issa qed jittantaw din il-kawza kostituzzjonali meta huma injoraw kompletament li jaghmlu dak li gew ordnati jaghmlu. Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-hajja familjari meta jirrizulta li huma ser jisseparaw u jidher li ghall-konvenjenza issa sabu qaghda bejnithom.

"Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi li tesamina jekk gewx vjolati xi jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. In vista ta' dak kollu li gie premess ma jirrizultax li in effett gew miksurin id-drittijiet tar-rikorrenti u kwindi t-talbiet kollha tar-rikorrenti ma jimmeriawx li jigu akkolti.

"Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-intimati ghandu jinghad li jirrizulta li l-intimat Ministru tal-Ġustizzja gie mharrek hazin u kwindi hu mhux il-legittimu kuntradittur. Ghalhekk l-imsemmi intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju."

**L-appell tar-rikorrenti Edmond Espedito Mugliett u Maria Teresa Mugliett.**

L-appellanti Mugliett ħassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Civil tat-3 ta' Novembru 2010 u interponew dan l-appell minnha permezz ta' rikors tal-10 ta' Novembru 2010 fejn talbu li s-sentenza appellata tiġi mibdula u varjata fis-sens illi tiġi konfermata l-liberazzjoni tal-intimat il-Ministru tal-Ġustizzja, waqt illi fil-kumplament tagħha, s-sentenza appellata tiġi mħassra u revokata, u minflok jiġi dikjarat illi l–lanjanzi u t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-liġi kostituzzjonali u fil-fatt u għandhom jiġu milqgħua u li jingħataw r-rimedji xierqa skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati u intervenuti in kawża.

Kif jingħad mill-appellanti stess fir-rikors tal-appell tagħhom, **l-aggravju prinċipali** tagħhom jikkonsisti fil-fatt li jallegaw li s-sentenza talt-2 ta' Ġunju 2006 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq riferita sabiex il-konjugi Mugliett jhallsu lura fil-kont konguntiv (joint account) bankarju għandha biss effett kawtelatorju u kondizzjonat billi skont l-appellanti l-istess sentenza u l-konferma fl-istadju tal-appell, iddikjarat sollennement illi **jista' jkun il-każ illi fil-futur jiġi deċiż illi l-flus u l-istess kont huma proprjeta' unika tar-rikorrenti** (ittri grassi tal-appellanti) u żiedu li huwa dan li hu l-qofol tal-lanjanza kostituzzjonali tagħhom peress li jsostnu li fuq livell kostituzzjonali mhuwiex permissibbli li persuna tbati subasta ta' proprjeta' privata taghha b'telfien irriversibbli qabel ma jiġi determinat dak li għadu biss tilwima bejn żewg "pretenduri".

Aggravju ieħor tal-appellanti, li ser hawn jissejjaħ **it-tieni aggravju**, jirrigwarda l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat il-ħruġ tal-mandat *in procinctu* u dan wara li rrespinġiet ir-rekuża tal-Imħallfin komponenti l-sitess Qorti. Dan l-aggravju jattakka l-imparzjalita' ta' dik il-Qorti kif hemm komposta peress illi l-appellanti jsostnu li l-Imħallfin li kienu jikkomponu l-Qorti ma setgħux ikunu imparzjali peress li biex jirrevokaw il-mandat in proċintu "kellhom bilfors jikkontradixxu dak li ddeċidew sena qabel dwar il-validita' u esegwibilta' tas-sentenza ta' depożitu".

It-**tielet aggravju** tal-appellanti jirrigwarda l-allegazzjoni li bil-fatt li l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat il-ħruġ tal-mandat in proċintu fil-mertu minflok irrinvijat il-proċess lill-ewwel Qorti li kienet astjeniet milli tiddiċiedi dwar it-talba għar-revoka tal-istess mandat il-Qorti tal-Appell kienet ċaħħdet lill-appellant mid-doppio eżami.

Aspett ieħor ta' dan l-aggravju kif sollevat mill-appellanti hu li b'daqshekk huma ġew ukoll mċaħħda minn aċċess għal qorti sabiex jiġu determinati d-drittijiet u obbligi ċivili tagħhom u kienu qed jiġu żvestiti mill-proprjeta' tagħhom

In kwantu għar-**raba' aggravju** tal-appellanti dan jirrigwarda l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni peress li l-appellanti jsostnu li d-dritt

fundamentali sanċit b'dak l-artikolu ġie miksur peress li r-rikorrenti qegħdin jiġu mġiegħla jitilfu d-dar tal-familja tagħhom fejn ir-rikorrenti jgħixu l-ħajja familjari tagħhom u dan skont l-appellanti mhux għaliex huma debituri tal-intervenuti fil-kawża iżda għaliex jista' jkun il-każ li huma jiġu misjuba debituri.

Permezz tal-**ħames u l-aħħar aggravju** tagħhom ir-rikorrenti appellanti jilmentaw dwar is-sentenza appellata għaliex skont huma l-ewwel Qorti hi żbaljata li naqset li ssib vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni meta skont huma l-fatti tal-kawża juru biċ-ċar li l-mandat *in procinctu* sejjer iwassal għal telf ta' proprjeta' immobbli u dan mingħajr gustifikazzjoni eżekuttiva u f'dan ir-rigward l-appellanti għamlu riferenza għas-sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-ewwel Qorti. Ir-rikorrenti jżidu jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset meta, skont huma, illimitat l-istħarrig tagħha għal jekk l-intervenuti fil-kawża mxewx skont il-liġi ordinarja ċivili mentri messha wkoll indagat jekk l-għemil in kwistjoni kienx ukoll konformi mal-artikoli tal-Konvenzjoni. B'danakollu fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti naqsu milli jagħtu kwalunkwe spjegazzjoni għaliex fil-fehma tagħhom l-ghemil imsemmi kien vjolattiv tal-aritkolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ħlief għall-asserzjoni tagħhom li l-mandat *in procinctu* sejjer iwassal għal telf ta' proprjeta' immobbli mingħajr ġustifikazzjoni eżekuttiva iżda bla ma jispjegaw kif dan il-fatt kien jikser l-artikolu msemmi.

**Fatti tal-kawza**

Il-fatti tal-kawża ġew riassunti tajjeb fis-sentenza appellata u għalhekk din il-Qorti ser tipproduċi hawn taħt il-parti saljenti tal-istess sentenza:

"Jirrizulta li r-rikorrenti Edmond Espedito Mugliette kellu kont, jew ahjar "joint account," f'bank lokali flimkien mal-mibki Nutar John Hayman li miet fl-20 ta' April, 2004. Ftit sieghat biss wara li miet in-Nutar, ir-rikorrenti gibed mill-imsemmi kont bankarju l-ammont ta' Lm40500 u dan minnhajr ma nforma lill-Bank bil-mewt tan-Nutar. Il-Bank

ghalhekk meta ppermetta li r-rikorrenti jigbed l-imsemmija somma ma kienx konsapevoli li n-Nutar kien miet.

“Jirrizulta ukoll li, minhabba l-imsemmi fatt, l-intervenuti fil-kawza pprocedew kontra r-rikorrenti u fis-sentenza relattiva l-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema sentenza nghatat fit-2 ta’ Gunju 2006 (“John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et” - Citazzjoni numru 1059/2003), iddecidiet billi kkundannat lir-rikorrenti jiddepositaw fil-kont bankarju in kwestjoni l-imsemmija somma ta’ Lm40,500 flimkien ma’ imghax fuq l-istess somma kapitali kalkolati mid-data 21 ta’ April, 2001 sad-depositu effettiv. F’dik il-kawza r-rikorrenti eccipew li l-mejjet Nutar John Hayman kien biss “prestanome” fuq il-kont in kwestjoni u kien jaf li l-flus fil-kont ma kienux jappartjenu lilu izda lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw minn l-imsemmija sentenza peress li l-istess sentenza kienet ser tkun esegwibbli qabel ma r-rikorrenti in effett gew dikjarati li kienu debituri jew li kienu responsabbli. Il-Qorti tal-Appell cahdet l-imsemmi appell u rriteniet li l-appell tar-rikorrenti kellu jitqies li kien frivolu u vessatorju tant li r-rikorrenti gew kundannati jhallsu spejjez doppji.

“Sussegwentement l-intervenuti fil-kawza ottjenew il-hrug ta’ mandat in “procinctu” kontra r-rikorrenti fejn talbu illi tinbiegh b’subbasta r-residenza tar-rikorrenti u cioe’ "Rose Cottage", Karm Psaila Street, B'kara. Il-Qorti, li ordnat il-hrug tal-imsemmi mandat, ordnat ukoll lir-Regisratur taghha li mir-rikavat tal-eventwali subasta tigi depositata l-imsemmihja somma ta' Lm40,500 oltre l-imghaxijiet skond kif ordnati fl-imsemmija sentenzi u jekk ikun fadal bilanc dan jinghata lir-rikorrenti odjerni. Inghatat ukoll l-ordni lir-Regisratur tal-Qorti biex jipprocedi bil-bejgh in subasta tal-imsemmija residenza tar-rikorrenti odjerni. L-istess rikorrenti odjerni talbu li tigi revokata l-imsemmija ordni, pero’ l-Qorti kompetenti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba. Fl-appell relattiv it-tlett imhallfin sedenti cahdu t-talba biex jigu rikuzati u ghaddew biex cahdu t-talbiet kollha tar-rikorrenti odjerni minnghajr ma rrinvijaw l-atti lura lill-Qorti tal-prim istanza. Ghalhekk gew konfermati l-ordnijiet kollha kontenuti fid-digriet li nghata relattiv ghal hrug tal-mandat in procinctu.

"Sussegwentement ir-rikorrenti odjerni pprocedew b'kawza petitorja kontra l-intervenuti fil-kawza sabiex jigi dikjarat u determinat ta' minn kienu l-flus fil-kont bankarju in kwistjoni."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**L-ewwel aggravju**

Il-Qorti ser tikkunsidra qabel xejn **l-ewwel u, l-hekk msejjaħ minnhom, l-aggravju prinċipali** tal-appellanti li hu fis-sens li s-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2006 tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq riferita sabiex il-konjugi Mugliett iħallsu lura fil-kont konguntiv (*joint account*) bankarju għandha biss effett kawtelatorju u kondizzjonat billi skont l-appellanti l-istess sentenza u l-konferma fl-istadju tal-appell, iddikjarat sollennement illi **jista' jkun il-każ illi fil-futur jiġi deċiż illi l-flus u l-istess kont huma proprjeta' unika tar-rikorrenti** u għalhekk mingħajr ma kien hemm kostituzzjoni ta' debitu jew dikjarazzjoni ta' debitu fil-konfront tagħhom. Ma hux spjegat fir-rikors tal-appell kif dan l-aggravju jinċidi fuq il-pretensjoni tal-appellanti ta' vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom u aktar minn hekk dwar fuq liema dritt fundamentali dan l-aggravju jinċidi u cioe' hux fuq id-dritt għal smiegħ xieraq (artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni), hux fuq id-dritt għat-tgawdija tal-proprjeta' (artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni) jew fuq id-dritt għall-hajja privata (artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni u artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni, jew hux fuq kollha flimkien jew abbinati flimkien. Meta wieħed jallaċċja dak li jingħad fir-rikors tal-appell ma' dak li jingħad fir-rikors promotorju tal-ġudizzju, iżda, wieħed jifhem li l-appellanti qegħdin isostnu li l-aggravju minnhom espost għandu jwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-istess fatti jammontaw għal vjolazzjoni tal-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mal-artikoli 6(1) tal-istess Konvenzjoni flimkien ma' vjolazzjoni tal-artikoli tal-Kostituzzjoni korrispondenti u cioe' tal-artikoli 37(1), 38(1) u 39(2)(3) tal-Kostituzzjoni.

Ma hux għal kollox ċar x'qiegħed jiġi pretiż bir-riferenza tar-rikorrenti appellanti għall-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni. In kwantu l-appellanti jallegaw nuqqas ta' aċċess għal qorti ċertament dan is-subartikolu ma jidħolx fix-xena għaliex ma tista' tinqala' ebda kwistjoni ta' proċeduri miżmuma fil-pubbliku jekk anqas biss kien hemm aċċess għal qorti. Minn naħa l-oħra, safejn l-appellanti ingħataw aċċess għal qorti huma ma jallegaw ebda nuqqas ta' proċeduri miżmuma fil-pubbliku. Għalhekk il-Qorti tifhem dan l-aċċenn għall-artikolu 39(3) bħala li l-appellanti jarawh bħala neċċessarjament konsegwenzjali u inxindibbilment magħqud mal-allegazzjoni tagħhom ta' nuqqas ta' aċċess għal qorti.

Di fatti din il-Qorti sabitha ferm diffiċli tipprova tidentifika bi preċizjoni liema mill-fatti allegati u liema mis-sottomissjonijiet magħmula mill-appellanti kienu qed jiġu miġjuba 'l quddiem sabiex isostnu il-vjolazzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali diversi u specifici allegati minnhom u dan minħabba l-mod piuttost konfużjonarju u impreċiż li saru s-sottomissjonijiet tal-appellanti fil-kors ta' dawn il-proċeduri. Dan partikolarment għaliex fil-kors tas-sottomissjonijiet tagħhom l-appellanti jonqsu milli jiddistingwu bejn is-sett tal-ewwel żewg sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell u cioe' tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 rispettivament li bihom ir-rikorrenti ġew ordnati jiddepożitaw lura fil-kont bankarju konġuntiv l-ammont ta' erbgħin elf u ħames mitt lira (Lm40,500) fl-ekwivalenti tagħhom fil-munita Euro u li l-appellant Mugliett kien rtira mill-istess kont, u t-tieni sett ta' żewg deċizjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti tal-Appell u cioe' tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Gunju 2009 rispettivament u li kienu jirrigwardaw il-mandat in proċintu maħruġ in segwitu tal-ewwel żewg sentenzi li bihom ġie ordnat id-depożitu msemmi. Iż-żewg xorta ta' deċizjonijiet, u cioe' dawk li bihom ġie ordnat id-depożitu u dawk li jirrigwardaw il-mandat *in procinctu*, jirrikjedu konsiderazzjonijiet separati u distinti iżda r-rikorrenti naqsu milli jagħmlu d-distinzjonijet li kienu meħtieġa. Issa spetta lil din il-Qorti biex tipprova tagħmel

tajjeb għal dan in-nuqqas serju tal-appellanti fil-mod kif saret it-trattazzjoni tal-kawża da parti tagħhom.

***A.*** *L-ewwel żewg sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 li ordnaw lir-rikorrenti appellanti jiddepożitaw lura l-ammont irtirat mill-kont bankarju konġuntiv*

*Preliminari*
B'riferenza għall-aggravju hawn in kunsiderazzjoni, in kwantu li l-istess aggravju jistrieħ fuq dak li r-rikorrenti appellanti jsejjħu l-qofol tal-lanjanza kostituzzjonali tagħhom, u cioe' peress li jsostnu li fuq livell kostituzzjonali mhuwiex permissibbli li persuna tbati subasta ta' proprjeta' privata taghha b'telfien irriversibbli qabel ma jiġi determinat dak li għadu biss tilwima bejn żewg "pretenduri", diffiċli jigu inkwadrati s-sentenzi msemmija f'dan l-aggravju peress li ebda waħda mill-istess sentenzi ma ordnat xi ħruġ ta' mandat in proċintu jew xi bejgħ bis-subasta. B'danakollu din il-Qorti xorta ser tikkunsidra dan l-aggravju b'riferenza għas-sentenzi in kwistjoni safejn il-Qorti tifhem li jista' jkun relevanti għalihom.

Hekk jidher minn dak kollu sottomess f'diversi bnadi mill-appellanti, inkluż minn dak li jirriżulta mit-traskrizzjoni tat-trattazzjoni orali tagħhom, li l-appellanti qiegħdin jibnu l-lanjanza tagħhom konvenzjonali fuq il-premessa li bis-sentenza tagħha tas-27 ta' Gunju 2008 il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza appellata li biha ġie ordnat id-depożitu lura tal-flus fil-kont konġuntiv bankarju esklussivament għaliex **jista' jkun il-każ illi fil-futur jiġi deċiż illi l-flus u l-istess kont huma proprjeta' unika tar-rikorrenti** (ittri grassi tal-appellanti). Iżda d-diskors indikati b'ittri grassi mill-appellanti mkien ma jirrikorru la fis-sentenza tal-Prima Awla tal-Qorti Ċivili u anqas fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u jistgħu, fl-aħjar ipotesi, ikunu biss parafrasi ta' dak li rritenew dawk il-Qrati fis-sentenzi rispettivi u fl-agħar ipotesi xejn inqas minn travisament tal-motivazzjoni vera li wasslet lil dawk il-Qorti għas-sentenza tagħhom.

Fil-parti relevanti tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ntqal hekk:
"Għalkemm ma joħloqx preżunzjoni *iuris et de iure*, il-fatt illi kont bankarju jkun f'isem persuna joħloq preżunzjoni, għall-inqas *prima facie*, illi dik il-persuna għandha interess f'dak il-kont u hija titolari tiegħu. Din il-preżunzjoni tista' tingħeleb, iżda bil-mezzi li tagħti l-liġi u mhux bl-għemil unilaterali ta' ħaddieħor. Fil-każ tallum li ġara hu appuntu illi l-għemil unilaterali tal-konvenut, li ġibed il-flus wara l-mewt tan-nutar mingħajr il-kunsens tas-suċċessuri tiegħu, bidel stat ta' fatt li kien juri, għall-inqas *prima facie*, illi n-nutar, u, wara mewtu, is-suċċessuri tiegħu, kellhom interess f'dawk il-flus. Li qegħdin ifittxu li jagħmlu l-atturi issa hu illi jerġgħu iġibu fis-seħħ dak l-istat ta' fatt biex il-preżunzjoni li joħloq terġa' tqum u, jekk għandha tingħeleb, dan isir *per vie di diritto* u mhux *per vie di fatto* kif ġara meta l-konvenut ġibed il-flus."

U kompliet iżżid li:
"Iżda għalkemm fit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti effettivament qalu illi "l-flus depożitati [fil-kont] kienu esklusivament tal-konvenuti", komplew igħidu illi l-prova ta' dan issir "meta u jekk l-atturi xi darba jressqu ġudizzjarjament talba għad-dikjarazzjoni illi huma għandhom interes jew sehem minn dawn il-flus".

"Il-konvenuti, fi kliem ieħor, qegħdin ifittxu li jaqilbu l-oneru tal-prova: iridu illi flok ikun imiss lilhom li juru illi, minkejja l-fatt illi l-kont huwa f'isem il-konvenut u n-Nutar Hayman flimkien, il-flus huma tal-konvenuti biss, ikun imiss lill-atturi li juru — issa li l-flus inġibdu unilateralment — illi għandhom sehem fil-flus. Għalhekk, ladarba lanqas il-konvenuti ma huma qegħdin jagħmlu t-titolarità tal-flus meritu ta' din il-kawża tallum, lill-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tagħti deċiżjoni dwar min għandu jedd għall-flus, iżda biss tordna illi kollox jitqiegħed fl-i*status quo ante* sabiex id-deċiżjoni tittieħed jew mill-partijiet flimkien bi ftehim jew mill-qorti wara proċeduri fejn issir il-prova li trid il-liġi, u mhux b'għemil unilaterali ta' xi waħda mill-partijiet."

In kwantu għall-Qorti tal-Appell din irriteniet:

"Din il-Qorti taghmilha cara li hi mhux qed tghid li l-eredi tan-Nutar Hayman ghandhom xi sehem minn dawk il-flus, izda li la darba l-kont huwa *joint*, *prima facie* in-Nutar Hayman kellu interess f'dak il-kont, u dak l-interess irid jigi likwidat in kontestazzjoni ma' l-eredi tieghu, u mhux jingieb fix-xejn b'azzjoni unilaterali tal-konvenuti.

"Hawn jidher l-interess guridiku li ghandhom l-atturi. Bhala *prima facie* ko-kredituri fis-somma depozitata fil-kont in kwistjoni, ghandhom interess li dik is-somma tigi riprestinata fl-istat li kienet sakemm jew bi ftehim bejn il-partijiet interessati kollha jew b'operat tal-Qrati, tinghata lil min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi. <u>Jista' jkun li ghad jirrizulta li l-atturi m'ghandhomx sehem mill-flus tal-kont</u>, izda, peress li hemm kontestazzjoni, din il-materja trid tirrizolvi ruhha gudizzjarjament u mhux unilateralment. Il-konvenuti ghalhekk, agixxew abuzivament u bla ebda dritt meta ddecidew li l-flus fil-kont huma taghhom u haduhom, minkejja l-interess ovvju ta' l-atturi li l-*istatus quo* ma jigix disturbat hlief bi ftehim jew bl-intervent ta' dawn il-Qrati.

"Il-konvenuti lanqas ma jistghu, f'dawn ic-cirkustanzi, izommu nofs id-depozitu, peress li m'hemmx qbil li s-somma tappartjeni nofs kull wiehed liz-zewg kredituri. Fil-fatt, f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma gietx mitluba tiddetermina lil min jappartjenu l-flus, u ghalhekk m'hemmx htiega li jigi determinat min hu l-kreditur ta' liema sehem jew ta' kollox. Din il-kwistjoni sejra tibqa' impregjudikata, u kull ma jista' jigi u qed jigi deciz hu li l-konvenut jpoggu l-flus lura fil-kont, u mhux "ihallsu" xi somom lill-atturi.

"L-atturi, f'dan l-istadju, mhux qed jitolbu li jsir lilhom xi hlas ta' xi ammont ta' flus, izda, bhala persuni altament interessati fil-kont bankarju in kwistjoni, qed jitolbu li dak il kont jigi ripristinat bil-flus li kien hemm fih qabel ma gew irtirati (piu` l-imghax) sabiex min jirreklama xi titolu fuq l-istess flus jipprova dan it-titolu in kontradizzjoni tal-legittimu kontradittur, cioe`, dak li jkollu interess jikkontesta dik il-pretensjoni. Din hi azzjoni legittima, intiza wkoll ghall-preservazzjoni ta' l-*istatus quo* u biex hadd, minn diversi persuni li jista' jkollhom interess, ma jiehu l-

ligi f'idejh u jagixxi unilateralment a skapitu ta' l-ohrajn." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Għalhekk fis-sentenzi tagħhom iż-żewg Qrati imsemmija, kemm ta' prim istanza kif ukoll tal-appell, għamluha għal kollox ċar li r-rikorrenti appellanti kienu qed jiġu ordnati jiddepożitaw mill-ġdid is-somma minnhom itrirata mhux għaliex 'l quddiem seta' jirriżulta li dak l-ammont kien japparjeni lill-atturi f'dik il-kawza iżda indipendentment minn jekk kienx jappartjeni lilhom jew le. Il-Qorti di fatti ma pprospettatx, kif allegat mir-rikorrenti appellanti, li **jista' jkun il-każ illi fil-futur jiġi deċiż illi l-flus u l-istess kont huma proprjeta' unika tar-rikorrenti** iżda għall-kuntrarju kjarament pprospettat li "Jista' jkun li ghad jirrizulta li l-atturi m'ghandhomx sehem mill-flus tal-kont" iżda kienet tal-fehma li b'danakollu "il-materja trid tirrizolvi ruhha gudizzjarjament u mhux unilateralment." Din kienet il-vera motivazzjoni kemm tal-Prim Awla kemm tal-Qorti tal-Appell tas-sentenzi tagħhom. Ir-raġuni unika għaliex il-Qorti ordnat lir-rikorrenti appellabbli jiddepożitaw lura l-flus fil-kont bankarju konġunt kienet li peress li, ftit sigħat biss wara li miet in-Nutar Hayman ir-rikorrent appellant Edmond Espedito Mugliett kien unilateralment ħa l-liġi b'idejh meta, mingħajr il-kunsens tas-suċċessuri tan-Nutar u mingħajr ma informa lill-Bank bil-mewt tan-Nutar, kien ġibed l-ammont ta' Lm40500 *per vie di fatto* minflok *per vie di diritto* u għalhekk il-Qorti riedet tirripristina l-*istatus quo* eżistenti qabel l-għemil, ritenut illeċitu, tar-rikorrent Mugliett sabiex kollox jiġi riżolt jew bl-adeżjoni ta' kulħadd jew fi proċeduri ġudizzjari. Din ma kienet xejn miżura ta' natura kawtelatorja ta' xi pretensoni ta' xi ħadd mill-partijiet iżda kienet sentenza u deċiżjoni definitittiva dwar il-kontroversja li nġiebet quddiem dawk il-Qrati u fil-parametri li l-partijiet stess, inklużi ir-rikorrenti, għażlu jimpostaw l-azzjoni u d-difiża rispettiva tagħhom u l-istess sentenza kienet tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont il-liġi. Kienx hemm jew le kostituzzjoni ta' debitu jew dikjarazzjoni ta' debitu fil-konfront tar-rikorrenti appellanti kienet għalhekk konsiderazzjoni għal kollox irrelevanti tenut kont tal-parametri li bihom l-partijiet f'dik il-kawża għażlu jarġinaw il-kontroversja ta' bejniethom. Ma jirriżulta li kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent Edmond Espedito

Mugliett milli jressaq kontro-talba għat-talba tal-atturi f'dik il-kawża li biha jġib 'il quddiem kull pretensjoni li seta' dehrlu li kellu fuq il-proprjeta' tal-flus irtirati minnu iżda dan għazel li ma jagħmlux, kif kien dritt tiegħu, iżda issa ma jistax jilmenta għaliex l-Qrati ddeċidew il-kawża fit-termini tal-azzjoni tal-atturi u tad-difiża sollevata mill-konvenut Mugliett.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*
Ma jirriżulta ebda nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri li wasslu għas-sentenzi hawn msemmija jew li dawk is-sentenzi ċaħħdu lir-rikorrenti minn aċċess għall-Qorti sabiex jiġu determinati d-drittijiet ċivili tagħhom. Ir-rikorrenti ingħataw aċċess sħiħ għall-qrati sabiex tigi determinata l-kontroversja speċiifika fil-limiti ta' kif ġiet impostata u nkwadrata mill-partijiet inklużi r-rikorrenti. Anqas ma ġew b'xi mod imċaħħda minn aċċess għall-qrati sabiex tiġi determinata kull pretensjoni li r-rikorrenti jista' għandhom fuq il-flus rtirati minnhom mill-kont konġunt bankarju għaliex kienu l-appellanti stess li, meta ngħataw tali aċċess, għażlu li ma jressqux kull kontrotalba li seta' dehrilhom opportuna u, fi kwalunkwe każ, dik il-pretensjoni baqgħet u għadha espressament impreġudikata.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni*
Apparti dak li jingħad ulterjorment aktar tard f'din is-sentenza dwar il-portata ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni f'konfront ma' l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, għall-istess raġunijiet mogħtija fir-rigward tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni anqas jirriżulta xi ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni*
Bis-sentenzi hawn kunsidrati tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 ir-rikorrenti ma ġew privati minn ebda dar tal-familja jew xort' oħra jew b'xi mod kien hemm xi interferenza fil-ħajja privata tagħhom. Il-kontroversja li nħolqot bejn il-kontendenti f'dawk il-proċeduri ċertament ma tistax' titqies bħala parti mill-ħajja privata tagħhom in kwantu li l-kontroversja ta' bejniethom żviluppat f'azzjoni ġudizzjarja li neċessarjament kienet tirrikedi l-intervent tal-Qrati sabiex tiġi rizolta skont il-liġi u in kwantu tali ħarget

mill-isfera privata tal-individwi involuti u saret materja ta' natura pubblika. Se mai kien ir-rikorrent appellant Mugliett li *di privata braċċio* interferixxa fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor minflok ma rrikorra għall-meżżi legali jew ġudizzjarji sabiex jiġu determinati d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti. Dak li għamlu l-qrati bid-deċiżjonijiet msemmija huwa li rripristinaw l-istat ta' legalita' li kien ġie arbitrarjament disturbat mir-rikorrent Mugliett bl-għemil tiegħu. Il-Qorti ma tara xejn mhux proporzjonat f'dak li ordnaw il-Qrati bis-sentenzi tagħhom anzi hemm proporzjon assolut fil-fatt li r-rikorrenti ġew ordnati jirritornaw dak li kienu irtiraw illeċitament u kontra l-liġi.

Inoltre, anki kieku s-sentenzi imsemmija kellhom jitqiesu bħala interferenza fil-ħajja privata tar-rikorrenti appellanti dik l-interferenza kienet skont il-liġi u neċessarja f'soċjeta' demokratika "biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti" u "għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor".

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni*
Dak projbit bl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni huwa d-dħul minn oħrajn fil-post ta' ħaddieħor. Iż-żewg sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 ma jinvolvu ebda dħul fi proprjeta' ta' ħaddieħor u għalhekk l-artikolu 38(1) ma jagħmel xejn għall-każ taz-żewġ sentenzi msemmija u għalhekk ma jista' jirriżulta ebda ksur ta' dak l-artikolu.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni*

Kif ġia rilevat, is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 ma ordnaw ebda ħruġ ta' mandat in *procinctu* jew xi bejgħ bis-subasta. Sempliċement ordnaw lill-appellanti jirritornaw dak li l-appellant Mugliett illegalment irtira mill-kont bankarju kongunt. Għalhekk ma jirriżultax li l-ewwel aggravju tal-appellanti b'xi mod igib in kwistjoni l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fir-rigward tal-istess sentenzi msemmija jew l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni. Ċertament

huwa kemmxejn azzardat li wieħed jimmaġina li l-ordni ta' qorti li tiddetermina fil-kuntest ta' proċeduri gudizzjarji kontenzjuzi li xi parti hi obbligata tirritorna dak li kienet illegalment żbankat tammonta għal teħid forzuż ta' proprjeta' ta' ħaddieħor. Di fatti dan l-ewwel aggravju ma jallega xejn minn dan.

Dan l-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint in kwantu jirreferi għas-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008.

**B.** *Il-mandat in proċintu u t-tieni żewg sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Ġunju 2009 li b'effett tagħhom ġie ordnat il-bejgħ bis-subasta tal-fond Rose Cottage, Karm Psaila Street B'Kara in esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija tas-27 ta' Ġunju 2006.*

Fir-rigward tal-mandat in proċintu u tas-sentenzi hawn in kunsiderazzjoni japplikaw il-kunsiderazzjonijiet ġia magħmula b'riferenza ghas-sentenzi tat-2 ta' Ġunju u tas-27 ta' Ġunju 2008 li magħhom, iżda, jeħtieġ jiżdiedu xi kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

Huwa fir-rigward tal-mandat *in procinctu* u tad-deċiżjonijiet tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Gunju 2009 li ssir pertinenti s-sottomissjoni tal-appellanti li fuq livell kostituzzjonali mhuwiex permissibbli li persuna tbati subasta ta' proprjeta' privata tagħha b'telfien irriversibbli qabel ma jiġi determinat dak li għadu biss, skont l-appellanti, tilwima bejn żewg pretenduri.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*
F'dan ir-rigward jidher li l-appellanti jsostnu li l-mandat *in procicntu* u d-decizjonijiet hawn msemmija jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu li permezz tagħhom l-appellanti qed jiġu mċaħħda minn aċċess għall-Qorti sabiex tiġi determinata l-vertenza ta' bejn il-partijiet.

Wkoll f'dan ir-rigward l-appellanti ma għandhomx raġun. Mhux biss l-appellanti inghataw aċċess sħiħ għall-Qorti sabiex tkun tista' tiġi determinata l-vertenza li wasslet għall-ħruġ tal-mandat in proċintu iżda fil-fatt dik il-vertenza effettivament tressqet quddiem il-qrati kompetenti li ddecidewha definittivament. Il-vertenza in kwistjoni kienet tirrigwarda il-legalita' o meno tal-għemil tal-appellant Mugliett meta qabad u rtira l-ammont depożitat f'kont bankarju konguntiv mingħajr il-kunsens tad-detentur l-ieħor tal-kont jew tas-suċċessuri tiegħu u mingħajr rikors lill-qrati u mingħajr ma informa lill-Bank konċernat bil-bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi tat-titolari ta' dak il-kont u ċioe' l-mewt ta' wieħed minnhom. Hemm ċertament element ta' ironija fil-fatt li r-rikorrent jilmenta li ma ingħatax aċċess lill-qorti wara li kien hu li ġie ordnat mill-qrati kompetenti sabiex jiddepożita lura l-flus li rtira mill-bank għaliex b'għemilu kien ħa l-liġi b'idejh u ċaħħad lil ħaddieħor mill-opportunita' li jressaq il-pretensjonjiet tiegħu sabiex jiġu ventilati, skrutinati u deċizi mill-qrati kompetenti.

Hija distorsjoni tal-pożizzjoni legali u fattwali li l-appellanti jippersistu filli jagħtu x'jifhem li l-mandat in proċintu u d-deċiżjonijiet li wasslu għall-ħruġ tiegħu kienu biss in linea kawtelatorja ta' pretensjoni li kienet għad trid tiġi determinata jew, kif jgħidu l-appellanti "qabel ma jiġi determinat dak li għadu biss tilwima bejn żewg pretenduri". Ma huwiex hekk. Qabel is-sentenzi msemmija kien hemm tilwima "bejn żewġ pretenduri". Din it-tilwima kienet dwar jekk l-appellant Edmund Espeditio Mugliett setax unilateralment u mingħajr ma jadixxi lill-qorti kompetenti jaqbad u jirtira l-ammont depożitat f'kont bankarju f'ismu u f'isem ħaddieħor. Il-Qrati ddeċidew li dan ma setax jagħmlu u ordnawlu jirridepożita l-ammont minnu rtirat fil-kont relattiv. Taw deciżjoni li saret finali u eżekuttiva. Mela ma kienx għad baqa' iżjed "tilwima bejn żewg pretenduri" iżda dik it-tilwima ġiet finalment deċiża mill-qrati li kkanoniżżaw il-pretensjoni tal-atturi b'sentenza li saret titolu eżekuttiv u l-mandat in proċintu li nħareġ mill-Qorti in esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qrati li l-appellanti ppersistew li jinjoraw u ma jimplimentawx kien wieħed eżekuttiv in esekuzzjoni tal-istess sentenzi.

Il-mandat in proċintu u l-bejgħ bis-subasta ordnati mill-Qorti kienu in esekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti li kienet iddeterminat definittivament il-pretensjoni li tressqet quddiemha. Il-kreditu li għalih jirreferu l-mandat in proċintu, id-digriet tal-Qorti li bih ġie ordnat il-bejgħ bis-subasta tal-fond in kwistjoni, u d-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat dak id-digriet, kien ġie fil-fatt kanonizzat mill-qrati in kwantu ġie rikonoxxut u approvat minnhom li l-appellant Mugliett kien obbligat li jiddepożita fil-kont konguntiv bankarju l-ammont minnu unilateralment żbankat. L-atti kollha msemmija kienu in esekuzzjoni ta' dan il-kreditu rikonoxxut mill-Qrati peress li l-appellant Mugliett naqas milli jottempra ruhu mas-sentenza definittiva tal-Qorti li kkanonizzat dak il-kreditu. Il-mandat *in procinctu* u l-ordni għall-bejgħ bis-subasta kienu l-uniċi mezzi disponibbli sabiex tiġi esegwita s-sentenza definittiva tal-Qorti.

*l-allegata vjolazzjoni tal-artikolou 39(2) tal-Kostituzzjoni*
Apparti dak li jingħad ulterjorment aktar tard f'din is-sentenza dwar il-portata ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni f'konfront ma' l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, l-istess raġunijiet li wasslu sabiex ma jinstabx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jwasslu wkoll għall-konklużjoni li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Dan l-ewwel aggravju in kwantu jinċidi fuq l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll in kwantu jista' jirrigwarda il-mandat in proċintu u t-tieni sett ta' żewg deċiżjonijiet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Ġunju 2009 li b'effett tagħhom ġie ordnat il-bejgħ bis-subasta tal-fond Rose Cottage, Karm Psaila Street B'Kara in esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija tas-27 ta' Ġunju 2006.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni*
Il-Qorti ser issa tikkunsidra l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 in relazzjoni mal-mandat *in procinctu* u s-sentenzi in kwistjoni u li s-sustanza tagħhom hi l-ordni tal-

Qorti sabiex jinbiegħ bis-subasta il-fond ta’ residenza tar-rikorrenti.

Jibda biex jingħad li l-fond in kwistjoni ma jidhirx li hu fil-fatt ir-residenza tal-appellant Edmond Espedito Mugliett għaliex jidher li l-appellanti jgħixu separati minn xulxin. Di fatti fl-affidavit tiegħu (fol 86 tal-process tal-prim istanza) l-istess Edmond Espedito Mugliett jistqarr li “… bdejt norqod barra d-dar sabiex ma jkunx hemm element ta’ tensjoni bejn u bejn marti, izda bqajt nidħol u noħroġ matul il-ġurnata biċ-ċavetta tiegħi. Marti fetħet kawża tas-separazzjoni miegħi sabiex naqsmu l-affarijiet tal-kommunjoni, iżda ma aħniex miġġieldin jew ma nitkellmux …”. Jidher ukoll li l-istess Edmond Espedito Mugliett ghandu kumpanija, Nike Ventures Limited, u jippretendi li l-flus minnu rtirati huma r-rikavat mill-bejgħ ta’ fond li kien jappartjeni lill-istess kumpanija (fol. 88).

Jirriżulta li r-rikorrent Mugliett jinsisti ħafna fuq kif ser jinbiegħ fond proprjeta’ tiegħu minghajr ma l-eredi tan-Nutar Hayman ipprovaw li l-flus kienu jappartjenu lilhom iżda kien hu li fl-ewwel lok u unilateralment approprja ruħu mill-flus fil-kont mingħajr ma għamel prova li l-flus kienu jappartjenu lilu. L-eredi tan-Nutar Hayman adixxew lill-Qorti biex javvanzaw il-pretensjoni tagħhom sabiex il-flus jiġu redepożitati fil-kont bankarju sakemm jiġu ġudizzjarjament determinati l-interessi patrimoniali fuq l-istess flus u wara r-rikonoxximent ġudizzjarju tal-pretensjoni tagħhom kienu kostretti jirrikorru għall-unika miżura disponibbli għalihom billi jitolbu u jottjenu l-ħruġ ta’ mandat in proċintu u l-ordni tal-bejgħ bis-subasta tal-fond tal-appellanti minħabba li l-appellanti baqgħu jippersistu li ma jottemperawx mas-sentenza definittiva tal-Qorti sempliċement għaliex ma jaqblux magħha. Għall-kuntrarju l-appellant Mugliett ħa l-ligi f’idejh u mingħajr ebda rikonoxximent ġudizzjarju tal-pretensjoni tiegħu u bi ksur tad-drittijiet ta’ ħaddiehor qabad u rtira l-flus.

Sabiex ikun hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jrid jirriżulta li kien hemm interferenza fil-ħajja privata u tal-familja tal-appellanti u ma’ darhom. Il-Qorti ssib li tali interferenza kien hemm. Din l-interferenza, iżda, tista’ tkun

ġustifikata skont it-tieni paragrafu tal-istess artikolu jekk tkun skont il-liġi u meħtieġa fl-interess, fost oħrajn, li jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitt, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Ma hemmx kontestazzjoni li l-interferenza in kwistjoni saret skont il-ligi. Il-Qorti hi wkoll sodisfatta li dik l-interferenza kienet neċessarja peress li ma kien hemm ebda triq oħra sabiex tiġi enforzata s-sentenza definittiva tal-qorti ħlief bil-ħruġ tal-mandat in kwistjoni u bl-ordni għall-bejgħ bis-subasta tal-fond in kwistjoni. Inoltre dik l-inteferenza kienet fl-interess li jiġi evitat id-dizordni u għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor u kienet proporzjonata għal dawk il-finijiet tant li kienet intiża unikament sabiex mir-rikavat tal-bejgħ jiġi depożitat fil-kont bankarju in kwistjoni l-istess ammont li ġie minnu rtirat illegalment kif preċiżament ordnat bl-ordni tal-Qorti fis-sentenza definittiva tagħha. Għalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li l-interferenza in kwistjoni hi ġustifikata taħt it-tieni paragrafu tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u għalhekk ma tirraviża ebda ksur tal-istess artikolu.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni*

Dak li ingħad rigward din l-allegata vjolazzjoni in konnessjoni mal-ewwel sett ta' sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2006 u tas-27 ta' Ġunju 2008 japplika wkoll għar rigward tal-mandat *in procinctu* u għas-sentenzi hawn taħt kunsiderazzjoni u cioe' dawk tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Ġunju 2009.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikol 1 tal-Ewwel Protokoll*

L-appellanti jallegaw ukoll li l-mandat in proċintu u s-sentenzi hawn in eżami jiksru l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dwar dan l-artikolu il-Kummissjoni mwaqqfa taħt il-Konvenzjoni kienet irriteniet kif ġej:

"Although there is no reference to "expropriation" as such in the Article, its wording, especially the phrase "deprived of his possessions except in the public interest" and the reference to the "general principles of international law", shows clearly that it is intended to refer to formal (or even *de facto*) expropriation, that is to say the action whereby

the State lays hand --- or authorises a third party to lay hands --- on a particular piece of property for a purpose which is to serve the public interest. This is confirmed by the travaus preparatoires for Article 1 of the First Protocol

The Swedish legislation about which the applicants complain is something completely different. It is the practical expression of a general legislative policy towards private companies and concerns principally relations between shareholders. The general intention of this type of legislation is naturally to favour whatever interests are considered most worthy of protection, which has nothing to do with the notion of "public interest" as it arises in the context of expropriation.

The Commission is therefore of the opinion that the second sentence of the first paragraph of Article 1 of the First Protocol does not apply to the applicants' present complaint."[1]

Similarment fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din il-Qorti ma tirraviżax l-elementi ta' esproprjazzjoni formali jew *de facto* mill-Istat, jew fejn l-Istat jawtorizza tali esproprjazzjoni, bil-għan li jintlaħaq xi interess pubbliku. Il-leġislazzjoni relevanti hi unikament intiża sabiex tirrisolvi kwistjonijiet ġudizzjarji bejn partijiet privati billi tipprovdi mezz aħħari sabiex l-parti l-waħda tkun tista' tenforza sentenza definittiva tal-Qorti favur tagħha kontra l-parti rikalkitranti sokkombenti. Mingħajr tali mezzi r-rimedji ġudizzjarji f'pajjiż immexxi mis-Saltna tad-Dritt ikunu biss illużorji tajbin biss biex jitqieghdu fi gwarniċ biex jiġu ammirati minflok ma jipprovdu rimedji prattiċi u ta' valur għal min id-drittijiet tiegħu jkunu ġew kalpestati.

In kwantu għall-ewwel sentenza tal-Artikolu 1 tal-Protokoll imsemmi, l-istess Kummissjoni fl-istess deċizjoni rriteniet:
"In all States Parties to the Convention, the legislation governing private law relations between individuals,

[1] Appl. No. 8588/70 & 8589/79 Lars Bramelid and Anne-Marie Malmstrom v Sweden, Dec. 12 ta' Ottubru 1982 dwar l-ammissibilita' tal-applikazzjoni

including legal persons, includes rules which determine the effects of these legal relations with respect to property and, in some cases, compel a person to surrender a possessioin to another. Examples include the division of inherited property, especially agricultural, the division of matrimonial estates, and in particular <u>the seizure and sale of property in the course of execution</u>.

This type of rule, which is essential in any liberal society, cannot in principle be considered contrary to Article 1 of the First Protocol. Referring *mutatis mutandis*, to the opinion expressed by the Court regarding relations between the State and the individual (cf. Sporrong and Lönnorth case, judgement of 23 September 1982, paragraph 69), the Commission must nevertheless make sure, that in determining the effects on property of legal relations between individuals, the law does not create such inequality that one person could be arbitrarily and unjustly deprived of property in favour of another." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din il-Qorti ma tirraviżax dik l-inegwaljanza li l-Kummissjoni ammoniet dwarha u li tirriżulta filli persuna tiġi arbitrarjament u inġustament privata mill-proprjeta' tagħha favur ħaddieħor. Il-vertenza ta' bejn l-appellant Mugliett u l-eredi tan-Nutar Hayman nġiebet a konjizzjoni tal-Qrati li ddeċidewha favur l-eredi msemmija u ordnaw li l-ammont arbitrarjament u unilateralment rtirat mill-appellant Mugliett jiġi ridepożitat fil-kont bankarju relevanti. L-appellant Mugliett ingħata kull opportunita' jottempra ruħu ma' dik id-determinazzjoni tal-Qorti iżda ppersista filli jinjoraha. Ma jirriżultax li l-appellanti qegħdin fl-impossibilita' li jiddepożitaw l-ammont minnhom ritirat għaliex ma jirriżultax li l-ammont rtirat ma għadux fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-appellant Mugliett. Fi kwalunkwe każ, anqas jirriżulta li l-appellanti għamlu l-iċken tentattiv biex jipprovaw jottjeni xi self minn xi ħadd jew minn xi bank jew xi istituzzjoni oħra sabiex jkunu jistgħu jottemperaw rwiehhom mas-sentenza tal-Qorti. Il-Qrati wara li vverifikaw li ma kienx hemm alternattiva oħra ordnaw il-bejgħ bis-subasta tal-fond in

kwistjoni b'dan li dik il-parti mir-rikavat korrispondenti għall-ammont rtirat abużivament mill-appellant Mugliett kellu jitqiegħed lura fil-kont minn fejn ġie rtirat. Għalhekk ma hemm xejn sproporzjonat jew arbitrarju jew inġust f'dak ordnat mill-Qrati u għaldaqstant din il-Qorti ma tirravviza ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

*Allegata vjolazzjoni tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni*

In kwantu għall-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni dan l-artikolu jipprovdi fl-ewwel sentenza tiegħu li ebda proprjeta' ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju. Bejgħ bis-subasta, iżda, ma għandux il-karatteristiċi ta' teħid ta' pussess b'mod obbligatorju. Fil-każ odjern l-appellanti ma humiex jiġu kostretti jirrilaxxjaw il-pussess tal-proprjeta' tagħhom għaliex il-bejgħ bis-subasta jiddependi għal kollox mill-għażla tagħhom. Kull ma hu neċessarju hu li huma jottemperaw ruħhom mas-sentenza tal-Qorti. Hija b'għażla libera tagħhom li huma qegħdin jirrifjutaw li ma jottemperawx ma' dik is-sentenza u għalhekk il-bejgħ bis-subasta meta u jekk javvera ruħu jkun hekk avvera ruħu għaliex l-appellanti jkunu ppersistew fl-għażla tagħhom li ma joqogħdux għas-sentenza tal-Qorti. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li lill-appellanti qed jitteħdilhom il-pussess tal-proprjeta' tagħhom b'mod obbligatorju. It-teħid hu obbligatorju meta jagħmel x'jagħmel il-proprjetarju huwa jiġi privat mill-pussess tal-proprjeta' tiegħu mingħajr mal-proprjetarju jkollu s-setgħa li jipprevjeni dak it-teħid. Dan ma hux il-każ odjern fejn isirx il-bejgħ jew le jiddependi mill-għażliet li jagħmel il-proprjetarju. Inoltre, ma hemm ebda garanzija li l-bejgħ javvera ruħu għaliex dan ma jseħħx jekk ħadd ma jkun interessat jakkwista l-fond in kwistjoni. Għalhekk iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jinkwadrawx affattu fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni.

Inoltre, l-bejgħ bis-subasta fil-każ odjern qiegħed isir bis-saħħa ta' liġi fl-esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti u għalhekk, anki kieku l-fattispeċi ta' dan il-każ kienu jinkwadraw fl-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni dawn kienu

jkunu salvati milli jiksru dik id-dispożizzjoni bis-subartikolu (2)(h) tal-istess artikolu.

Għalhekk dan l-imsemmi l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi respint wkoll fir-rigward tal-mandat *in procinctu* u fir-rigward tas-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2009 u tas-26 ta' Ġunju 2009.

U b'hekk qiegħed jiġi respint *in toto* dan l-ewwel aggravju.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**It-tieni aggravju** tal-appellanti jallega n-nuqqas ta' imparzjalita' tal-Qorti tal-Appell li bis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju 2009 kkonfermat il-ħrug tal-mandat in proċintu u dan peress li l-Imħallfin li kienu jippresjeduha kienu l-istess Imħallfin li kienu waħħlu lill-appellant Edmond Espedito Mugliett spejjeż doppji peress li b'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2008 kienu rritenew frivolu u vessatorju l-appell tiegħu mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Ġunju 2006 li biha dik il-Qorti kkundannat lill-appellant odjern Edmond Espedito Mugliett jrodd s-somma ta' Lm 40,500 fil-kont li minnu kienet ġiet rtirata dik is-somma jew f'kont bankarju ieħor intestat f'isem l-appellant Edmond Espedito Mugliett u l-eredi tan-Nutar Hayman. L-appellanti jsostnu l-aggravju tagħhom billi jissottomettu li l-ġudikanti li ppresjedew il-Qorti tal-Appell fl-okkażżjoni tas-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2009 ma setgħux ikunu imparzjali meta, biex jirrevokaw il-mandat in proċintu kif kien qiegħed jiġi mitlub fl-appell ta' quddiemhom, huma kellhom ta' bilfors jikkontradixxu, skont l-appellanti, dak li kienu ddeċidew sena qabel fis-27 ta' Ġunju 2008 dwar il-validita' u l-esegwibilita' tas-sentenza li kienet ordnat id-depozitu.

Qabel ma jsiru l-kunsiderazzjonijiet opportuni tajjeb li qabel xejn jiġi mfakkar x'ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell komposta mill-istess tlett Imħallfin l-ewwel bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju 2008 u imbagħad bis-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2009. Bl-ewwel sentenza ġiet konfermata s-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2006 tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li ordnat lill-appellant odjern Edmond

Espedito Mugliett jrodd s-somma ta’ Lm 40,500 fil-kont li minnu kienet ġiet rtirata dik is-somma jew f’kont bankarju ieħor intestat f’isem l-appellant Edmond Espedito Mugliett u l-eredi tan-Nutar Hayman. Il-Qorti ma kellhiex, kif jallegaw l-appellanti, tiddeċied dwar “il-validita’ u l-esegwibilita’” tas-sentenza appellata; kellhom sempliċement jikkonfermaw jew jirrevokaw jew jirriformaw dik is-sentenza appellata. Minn naħa l-oħra, fit-tieni sentenza tagħha tas-26 ta’ Ġunju 2009 l-Qorti tal-Appell ġiet mitluba tħassar id-deċiżjoni (proprjament “deċiżjonijiet”) tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta’ Mejju 2009 li bihom l-ewwel Qorti kienet astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat *in procinctu* u l-konsegwenti bejgħ bis-subasta tal-fond tal-appellanti.

Jibda biex jingħad li l-appellanti ma jallegawx u wisq anqas ipprovaw xi nuqqas ta’ imparzjalita’ soġġettiva da parti tal-ġudikanti li ppresedew il-Qorti tal-Appell fiz-żewġ okkażjonijiet.

In kwantu għal nuqqas ta’ imparzjalita’ oġġettiva din ukoll ma tirriżultax. Il-materja li ġiet effettivament deċiza (li ma hix dik prospettata mill-appellanti) bl-ewwel sentenza tas-27 ta’ Gunju 2008 kienet *toto coelo* differenti minn dik li kellha tiġi deċiża, u li ġiet deċiża, bit-tieni sentenza tas-26 ta’ Ġunju 2009. Sabiex tilqa’ l-appell li kellha quddiemha fit-tieni proċeduri ta’ appell il-Qorti tal-Appell, kuntrarjament għal dak allegat mill-appellanti, ma kien ikollha għalfejn tikkontradixxi assolutament xejn minn dak deċiz minnha fis-sentenza preċedenti tagħha tas-27 ta’ Gunju 2008. Fit-tieni appell tagħhom l-appellanti kienu qed jitolbu r-revoka tas-sentenza appellata għaliex kienu jsostnu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjenti milli tieħu konjizzjoni tat-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat *in procinctu*. Dwar dan, naturalment, il-Qorti ma kienet ppronunzjat ruħha xejn fis-sentenza tagħha preċedenti tas-27 ta’ Gunju 2008. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tal-Appell fit-tieni sentenza tagħha kienet laqghet dan l-aggravju tal-appellanti. Fit-tieni lok, fit-tieni appell l-appellanti odjerni kienu talbu r-revoka tal-mandat *in procinctu* u anqas dwar dan il-Qorti tal-Appell ma kienet ppronunzjat ruħha b’ebda

mod fis-sentenza tagħha preċedenti (u ma setgħet qatt hekk tippronunzja ruħħha għaliex sa dakinhar tas-sentenza preċedenti ma kien inħareġ ebda tali mandat): la dwar il-validita' jew ritwalita' tiegħu u anqas dwar id-disponibilita' tiegħu bħala mezz ta' esekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

L-appellanti jaċċennaw ukoll għall-fatt li fl-ewwel sentenza l-Qorti tal-Appell kienet kkundannathom għad-*doppie spese* mingħajar ma jidher li qegħdin igibu dan il-fatt 'l quddiem bħala mottiv ta' nuqqas ta' imparzjalita' oġġettiva. Fi kwalunkwe każ il-kundanna għad-*doppie spese* kienet unikament dovuta għall-fatt li dak l-ewwel appell tal-appellanti kien meqjus frivolu u vessatorju mentri dak l-appell u l-motivazzjoni tiegħu, kif ingħad, kien għal kollox differenti mill-mertu tat-tieni appell tal-appellanti u ċertament l-appellanti ma setgħux raġonevolment ikollhom għalfejn jithassbu li l-ġudikanti tal-Qorti tal-Appell kienu ser ikunu nieqsa mill-imparzjalita' meħtieġa għal dik ir-raġuni. Di fatti, fit-tieni sentenza tagħhom il-Qorti tal-Appell ma rritenewx l-appell tal-appellanti frivolu jew vessatorju u ma kien hemm ebda kundanna għall-ispejjeż doppji.

Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

Fit-**tielet aggravju** tagħhom l-appellanti jilmentaw mill-fatt li meta huma talbu r-revoka tal-mandat *in procinctu* il-Prim Awla tal-Qorti Civili astjejniet meta ma setgħetx tagħmel dan legalment waqt li l-Qorti tal-Appell, minflok rrinvijjat il-proċess lill-Prim Awla, għaddiet biex tiddeċiedi hi l-mertu u kkonfermat il-ħruġ tal-mandat biex b'hekk minflok kellhom żewġ istanzi l-appellanti f'dawk il-proċeduri spiċċaw biex kellhom istanza waħda biss. Skont l-appellanti dan wassal għal telfien tad-dritt għal aċċess għal qorti u jirrepetu l-argument tagħhom ġia ventilat fl-ewwel aggravju tagħhom li b'dak li ġara huma kienu qegħdin jiġu mġiegħla jiġu zvestiti mill-proprjeta' tagħhom qabel ma jiġi determinat jekk huma humiex fil-fatt debituri fil-konfront tal-kjamati in kawża jew le.

Ma tantx hemm wieħed xi jżid dwar dan l-aggravju li ma ntqalx ġia fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li preżumibilment l-appellanti jippretendu li ġew miksura b'riżultat ta' dan l-aggravju tagħhom (jingħad "preżumibilment" għaliex l-appellanti għal darb' oħra ma jispeċifikawx l-artikoli konvenjonali u kostituzzjonali li jallegaw ġew miksura in konnessjoni ma' dan l-aggravju) ma jesiġux li għandu jkun hemm eżami doppju tal-materja għall-fini tad-determinazzjoni ta' drittijiet ċivili.

Li jirrikjedi l-artikolu 6 fil-parti relevanti tiegħu hu li:
"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi"

F'dan ma hemm ebda aċenn għal li għandu jkun hemm xi dritt ta' appell jew li għandu jkun hemm xi eżami doppju tal-materja. Setgħet potenzjalment tinqala' xi kwistjoni ta' nuqqas ta' aċċess għal qorti li kieku l-uniku aċċess li kellhom l-appellanti kien għall-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li kienet astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat *in procinctu* iżda dan ma kienx il-każ u l-appellanti kellhom aċċess, u għamlu użu minnu, lill-Qorti tal-Appell u dan, salv il-kwistjonijiet l-oħra sollevati mill-appellanti li qiegħdin jiġu indirizzati fi bnadi oħra ta' din is-sentenza, hu biżżejjed biex jissodisfa ir-rekwiżit ta' aċċess għal qorti għad-determinazzjoni ta' drittijiet ċivili.

Fir-rigward tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni hu diskutibbli jekk dan jagħtix "dritt ta' aċċess" għal qorti bħal ma jagħti l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li jipprovdi li kulħadd huwa intitolat (*entitled*) għal smiegħ xieraq quddiem qorti. Dak li jipprovdi l-artikolu 39(2) hu li kull qorti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali u li meta jkun hemm proċeduri mibdija għal deċiżjoni bħal dik il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq ġħeluq żmien raġonevoli. Iżda in vista tal-premess din il-

Qorti ma għandix għalfejn f'dan il-każ tapprofondixxi din il-kwistjoni peress li l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni kjarament bħall-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ma jagħti ebda dritt għal eżami doppju tal-materja in kontroversja u fi kwalunkwe każ irriżulta li aċċess lil qorti ingħata f'dan il-każ.

Ir-riflessi l-oħra ta' dan l-aggravju tal-appellanti ġia ġew indirizzati fil-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti dwar l-ewwel u t-tieni aggravju b'eżitu negattiv għall-appellanti u għalhekk dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi respint.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**

Dan l-aggravju jirrigwarda l-allegata vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u din l-allegazzjoni ġiet ukoll ġia eżaminata fl-aspetti kollha tagħha fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti aktar qabel dwar l-ewwel aggravju b'eżitu negattiv għall-appellanti u għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

**<u>Il-ħames aggravju</u>**

Bil-**ħames u l-aħħar aggravju** tagħhom ir-rikorrenti appellanti jilmentaw li l-fatti tal-kawża juru biċ-ċar li l-mandat *in procinctu* jwassal għal telf ta' proprjeta' immobbli u dan mingħajr gustifikazzjoni eżekuttiva u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan l-aggravju ġie wkoll eżaminat fil-kuntest tal-konsiderazzjoni tal-ewwel aggravju ukoll b'eżitu negattiv għall-appellanti u għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

B'hekk din il-Qorti ddisponiet mill-aggravji kollha tal-appellanti billi caħdithom u għalhekk jonqosha biss li tikkonferma s-sentenza appellata.

**Decide**

Ghal-motivi premessi il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanti Edmond Espedito u Maria Tereża konjuġi Mugliett u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------